SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 27/K10/25**

Data tal-laqgħa: 24 ta' Marzu 2026

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

27.1.01 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli talbet li tkun skużatata għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**27.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

27.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 26/K10/26.

27.2.02 Dwar il-punt 26.10.02, il-Kunsilliera Patricia Camilleri ġibdet l-attenzjoni dwar il-hin li ntemmet il-laqgħa u din ġiet rranġata li l-laqgħa ntemmet fil-10.30p.m.

27.2.03 Il-Kunsillier David Caruana ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

27.2.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekondaħ.

27.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**27.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

27.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6692 sa' 6719 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

27.3.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud wasal fil-5.21p.m.

27.3.03 Dwar il-Purchase Request Sheets, il-Kunsill qabel unanimament.

27.3.04 Il-Viċi-Sindku wasal 5.25p.m.

27.3.05 Dwar l-iskeda tal-pagamenti, qamet il-kwistjoni tat-tender tas-Soft Areas. Peress li dan it-tender mhux ser jiġġedded, il-Kunsill ingħata parir mill-persuna nkarigata mit-Tenders li l-Kunsill għandu jħallas il-pagamenti kollha pendenti ta' dan il-kuntrattur.

27.3.06 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti, Il-Viċi-Sindku Sean Gauci ssekondaħ filwaqt li l-Kunsillier David Caruana astjena għal-pagament tas-Sinjura Natasha Deguara.

**27.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

27.4.01 Dwar Ġnien Saver Zarb, c-Ċermen informa lill-Kunsill li l-compliance certificate ħareġ u saret l-applikazzjoni tad-dawl mal-ARMS.

27.4.02 Il-Kunsilliera Gabriel Borg Ferrando u Patricia Camilleri kkonfermaw li l-kuntrattur dwar ic-CCTV Cameras għamel kuntatt magħhom u aktar tard ser ikompli jagħmel kuntatt mal-kunsilliera l-oħra.

27.4.03 Il-Kunsillier Victor Vella wasal fil-5.39p.m.

27.4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ġita għal Sqallija s'issa hemm 6 persuni nteressati, filwaqt li l-ħarġa ta' Mediterran Ceramics kienet suċċess. Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill ukoll li ser issir il-ħarġa ta' San Girgor fit-8 t'April 2026 u fil-21 t'April 2026 ser isir Coffee Morning u Quddies f'Dar Bjorn.

27.4.05 Fir-rigward il-latrina ta' Spinola, c-Ċermen nforma li ser tinfetaħ mit-2 t'April 2026 b'attendant il-hin kollu mit-8 ta' filgħodu sa' 8 filgħaxija. Il-kuntrattur preżenti ser jiġi nfurmat li dwar il-latrina ta' Spinola ser jithallas sal-ahhar ta' Marzu 2026 però dwar il-latrina tal-Balluta ser jibqa' jitħallas nofs l-ammont totali li kienu jieħu sal-lum. Ġie deċiż ukoll li għandhom isiru tabelli biex jindikaw fejn huma l-latrini.

27.4.06 Iċ-Ċermen nforma li dwar il-ħsarat li saru ġol-ħajt li hemm f'Xatt is-Sajjieda (ħdejn il-Cavallieri Hotel), waqt il-maltempata Harry, il-Perit ipprepara BOQ li ser tintuża biex inġibu l-flus minn skema li hemm tal-ERA. Il-Kunsill qabel mal-BOQ proposta mill-Perit.

27.4.07 Iċ-Ċermen informa wkoll li ntbagħtet ittra lir-residenti bir-riżultat tal-questionnaire ta' Triq Patrick Brydone / Sqaq is-Siġra.

27.4.08 Dwar St. Patrick's Day, kien hemm diskussjoni dwar l-andament ta' kif marret l-attività, u wara li mill-ispiża totali tnaqqsu l-flus li daħħal il-Kunsill mill-ħwienet u NGO's, id-differenza tal-ispiża nqasmet bejn tnejn u ntbagħtu l-invoices lill-MTA u TZRA biex dan l-ammont jiġi mħallas bejniethom.

27.4.09 Dwar l-area meetings, c-Ċermen nforma li fis-27 ta' Frar saret laqgħa l-iskola ta' Qalb Imqaddsa u fit-13 ta' Marzu saret il-Każin ta' San Giljan. Ic-Ċermen kompla li fadal żewġ area meetings, il-general meeting u l-laqgħa mas-Sajjieda. Id-dati ta' dawn ser jiġu mħabbra aktar tard.

27.4.10 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera li ntbagħtet l-email lill-Perit Conti ta Transport Malta dwar il-piż tal-vetturi fil-village core. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta biex wara jitwaħħlu t-tabelli skond id-deċiżjoni tat-Transport Malta.

27.4.11 Dwar ir-*road markings* taz-zebra crossings, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jġib stimi biex dawn jibdew isiru tal-lastiku jew materjal ieħor li jibqgħu permanenti u ma jkunx hemm il-bżonn li jinżergħu frekwenti.

27.4.12 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li l-pjanti tal-bust ta' Dun Anton Sciberras huma lesti però il-Perit qed jistenna konferma mill-Kunsill x'ser jinkiteb fuq il-bust. Ġie deċiż li jinkiteb ismu u kunjomu, il-kelma saċerdot u d-data tat-twelid u l-mewt tiegħu u li bħala materjal għandu jintuża travertine. Il-Kunsillier Mario Amaira nforma li hemm persuna li lesta li tagħmel ix-xogħol diment li jiġi provdut l-materjal. Il-Kunsill qabel.

27.4.13 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li dwar il-ħajt ta' Triq Dun Guzepp Xerri, l-Perit ma jaqbilx però ser isir *survey* u wara tiġi preżentata lit-Transport Malta.

27.4.14 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret il-laqgħa mas-Sur Anton Camilleri dwar il-binja li ser tinbena ġo Triq Charles Sciberras.

27.4.15 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li t-tarmak li qed jingħata ġo Paceville ser ikun lest sa' nofs April, ix-xogħol tal-ilma u d-drenaġġ u tarmak ġo Triq Ivo Muscat ser jibda fl-ewwel ġimgħa t'April, dwar it-tarmak minn ħdejn l-ATM tal-BOV sa ħdejn il-latrini tal-Balluta għandu laqgħa għada mal-kuntrattur u l-perit biex jiġi deċiż hux ser issir t-tarmak mill-istess kuntrattur u dwar Triq il-Kbira, nforma li kellu laqgħa mas-sid tal-flats u l-Periti tat-Transport Malta dwar il-problema li hemm fi triq, u meta tittieħed deċiżjoni x'ser isir, ikun jista' jitkompla x-xogħol.

27.4.16 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill dwar Blossom Project, li d-Dipartiment tal-*Urban Improvement Funds* nfurmana li fuq proġett bħal dan ma jistgħux jintużaw il-fondi tal-istess *Urban Improvement Funds*.

27.4.17 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li dwar il-fondi ta' aġġustament *(Tourism Zones)* għal xi raġuni ghas-snien 2022, 2023 u 2024 dawn il-flus ma ingħatawx lill-Kunsill. Wara laqgħa li saret *online* mal-uffiċċjali tad-Dipartiment kkonċernat ġie diskuss jekk dawn il-flus lura jistgħux jinatawlna jew le.

27.4.18 Dwar il-pjanta tal-bankina (faċċata tal-clinic) fi Triq Mikiel Ang Borg, l-Kunsill ġie nfurmat li ntbagħtet il-pjanta lill Transport Malta.

27.4.19 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma membri tal-istreet Naming Committee fiż-żona ta' Triq il-Kulleġġ l-Antik, border ma' Sliema. Ic-Ċermen flimkien ma' dawn il-membri waslu għal

konklużjoni li minħabba li fil-liġi dik iż-żona tagħmel ma' San Ġiljan, għandha tintbagħat ittra mill-Kunsill lill-Electoral Commission, fejn tintbagħat il-pjanta ta' din iż-żona u titlob li minħabba li l-knis, ġbir tal-iskart u l-voti tan-nies jagħmlu ma' Tas-Sliema, din tiġi uffiċjalment parti minn San Giljan mill-*Electoral Commision.*

27.4.20 Ic-Ċermen ta nformazzjoni dwar ix-xogħolijiet li bdew illum sabiex tissolva l-problema tal-bankina li tiżloq fi Triq Wied Għomor.

27.4.21 Fir-rigward il-fondi tal-Proġetti Ambjentali, ġie deċiż li dawn għandhom jintużaw biex jinbidlu l-pjanti ta' fuq il-*promenade* li mietu minħabba l-maltempata Harry.

***27.5 Talba għal kumpens rigward inċident fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Ivo Muscat & Triq Santu Wistin (Każ 3,4 & 5/2026)***

27.5.01 Iċ-Ċermen informa dwar claim li l-Kunsill irċieva dwar inċidenti

27.5.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill li jibgħat dawn il-claims li kuntrattur li għamel ix-xogħolijiet f'dawk it-toroq partikolari u jekk dawn ma jitħallsux għandhom jintbagħatu lill-Avukata tal-Kunsill.

***27.6 Talba għal-Ingaġġ ta' Skrivan/a Full-Time;***

27.6.01 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li minn Mejju ser tibda l-impjegata li saritilha l-interview. .

27.6.02 Il-Kunsillier Victor Vella ġie skużat 6.40p.m.

27.6.03 Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ sejħa għal ingaġġ ta' skrivan/a full-time.

***27.7 Skemi maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali;***

27.7.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar l-iskemi maħruġa mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali.

27.7.02 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li fir-rigward l-iskema SPI/SCI/1/2026 tal-Attività Kulturali ġie deċiż li l-Kunsill għandu japplika għal Beachfest bħas-sena l-oħra, però jekk sadanit-tant isir ftehim il-Beachfest li għandha ssir fit-12 ta' Lulju 2026 jithallas mill-MTA umbad f'dak il-każ issir l-applikazzjoni għal attività kulturali oħra.

27.7.03 Dwar l-iskema bin-numru SPI/SCI/2/2026 għal indafa, ġie deċiż li għandha ssir l-applikazzjoni sabiex isir tindif tal-Bajja ta' Spinola bħas-snin ta' qabel. Ġie deċiż unanimament li għandha isir talba

lill-Transport Malta sabiex jara jistax jsir *dredging* tal-Bajja ta' Spinola.

27.7.04 Dwar l-iskema SPI/SCI/3/2026 għal attività tal-Milied, ġie deċiż li l-attività għandha ssir bħas-sena l-oħra fl-istess post inkluż ukoll iċ-Charity Swim.

27.7.05 Dwar l-iskema l-oħrajn, ġie deċiż li dawn għandhom jiġu diskussi waqt laqgħa oħra.

***27.7 Items to be disposed of and Bad Debts;***

27.7.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-*bad debts* u l-*items to be disposed of* li huma - 5 monitors, printer u 2 siġġijiet (ara appendiċi Ċ).

27.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

***27.8 Talbiet żgħar:***

**27.08.01** ***Email mingħand l-istreet Naming Committee dwar proposta għal Triq Santu Wistin;***

27.08.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bit-talba li saret mingħand l-istreet Naming Committee dwar tibdil ta' parti minn Triq Santu Wistin.

27.08.01.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li għandha tiġi diskussa mal-*stakeholders* u terġa tiġi diskussa waqt laqgħa oħra tal-Kunsill.

**27.08.02** ***Ittra ta' ringrazzjament mingħand il-familja Ellul;***

27.08.02.01 Ic-Ċermen qara l-email ta' ringrazzjament tal-familja Ellul għal fjuri waqt il-funeral ta' ommu.

**27.08.03** ***Email dwar l-barriers fi Triq Michel'Angelo Cagiano***

27.08.03.01 Iċ-Ċermen ressaq email mingħand resident ta' Triq Michel'Angelo Cagiano li qed jilmenta dwar il-barriers li twaħħlu. Ġie deċiż ċ-Ċermen għandu jispjega lir-resident li l-barriers qegħdin hemm minħabba sigurtà tan-nies.

**27.08.04** ***Email dwar il-Proġett Tfulija***

27.08.04.01 Wara spjegazzjoni li ta' din l-email, l-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa mitluba.

**27.08.05** ***Email dwar taħriġ ta' litteriżmu fl-Intelligenza Artifiċjali***

27.08.05.01 Iċ-Ċermen ressaq talba sabiex isiru taħriġ ta' litteriżmu fl-Intelligenza Artifiċjali. Ġie deċiż li għandu jsir kuntatt miegħu għal aktar informazzjoni.

**27.08.06** ***Inizjattiva Sidewalk Libraries***

27.08.06.01 Fir-rigward din il-materja ġie deċiż li ssir laqgħa mitluba sabiex il-Kunsill ikollu iktar informazzjoni.

**27.08.07** ***Korrispondenza dwar minn Pjazza għal Pjazza***

27.08.07.01 Fir-rigward din il-materja ġie deċiż li tintalab estinzjoni peress li ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li kienet fil-viċin. Ġie deċiż li għandhu jsir kuntatt ma' min hu kkonċernat għal aktar dettalji.

***27.08.08 Talba sabiex ssir garbage stores fi Triq Scicluna***

27.08.08.01 Dwar it-talba sabiex issir *garbage stores* fi Triq Scicluna, ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata.

***27.08.09 Talba sabiex isiru xi passaġġi f'Ta' Giorni***

27.08.09.01 Ic-Ċermen ressaq talba sabiex jsiru passaġġi f'ta' Giorni, u l-Kunsill bagħthom lill Project Green.

**27.09 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

27.09.01 Il-Kunsillier Carlo Mifsud staqsa jekk nħargitx il-*Call for proposals* fuq Facebook għal użu tal-grawnd, fejn ġie nfurmat li din ser tinħareġ dalwaqt.

27.09.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ġie skużat fit-7.50p.m.

27.09.03 Il-Kunsillier Mario Amaira nforma lill-Kunsill sabiex jitwaħħlu tabelli li hemm cameras f'Xatt is-Sajjieda (għal fejn il-Happy Days) kif ukoll terġa teħel it-tabella ta' No Dogs Allowed ukoll.

Ġibed l-attenzjoni li l-laqgħa mas-Sajjieda għadha ma saritx u ġie deċiż li għandha titnaddaf Xatt is-Sajjieda. Għalhekk ġie deċiż li għanda ssir laqgħa ma' Transport Malta, Maritime Division, fuq il-post. Ġie rrapportat ukoll li Triq il-Qaliet qed ikun hemm ħafna karozzi u muturi tal-kiri pparkjati speċjalment bil-lejl. Għandha tinkiteb ittra lill Ambaxxata Ċiniża dwar siġra taż-Żebbug li kibret ħafna. Ġie deċiż li għandha titnaddaf Triq San Mikiel kantuniera ma Triq San Mark u għandha tintalab il-pjanta lill Perit. Għandhom jiżdiedu ukoll ic-*cigarette bins* mad-dawra tal-baħar kif ukoll jitnaddfu l-qsari li hemm.

Il-Kunsillier Mario Amaira ppropona li l-u-shapped barriers għandhom jinbidlu sabiex jiġu aktar attrajenti u għandhom isiru minn Żebra Cross ta' quddiem l-Spar sa quddiem iż-żebra cross ta' quddiem Balluta Buildings. Ġibed l-attenzjoni wkoll li għadha ma twalitx il-*crash barrier* fi Triq Ċensu Tabone fil-kantuniera.

27.09.04 Il-Viċi Sindku rringrazzja lill-istaff tax-xogħol li sar f'St. Patrick's Day filwaqt li issuġġerixxa li s-sound għandu jibda bilmod u jiżdied mal-ħin. Ġibed l-attenzjoni wkoll li l-palk li kien hemm fil-Pjazza Qalb ta' Ġesù kien hemm il-*base* għoli ħafna.

27.09.05 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando, staqsa dwar jekk iċ-Ċermen ltaqax ma' Caroline Ciantar Barbara dwar Triq Sant'Elija. Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li prova għal diversi drabi iżda ma rnexxilux u ser jipprova jaqbadha fil-ġimghat li ġejjien. Hu staqsa wkoll jekk jistax isir xi haġa dwar Triq il-Monasteru peress li tiżloq ħafna.

27.09.06 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ġibdet l-attenzjoni dwar *double yellow lines* fi Triq il-Furtu Selvatico. Staqsiet dwar il-bank li kellu jeħel fi Triq il-Qalb Imqaddsa. Talbet ukoll li tiġi rranġata l-bankina b'mod temporanju ta' Triq il-Ballut kantuniera ma' Triq Bonavita.

27.09.07 Il-Kunsillier David Caruana staqsa dwar is-siġra ta' ħdejn il-Knisja tal-Kunċizzjoni li kibret ħafna u jekk hemmx ċans li tiġi miżbura. Hu semma wkoll iż-żewġ *pots* vojta li hemm faċċata tal-Biancos fi Triq San Ġorġ biex dawn jinżeraw b'xi pjanti jew jitneħħew. Dwar l-arbli tal-injam li hemm fil-Pjazza Rogazzjoni, il-Kunsill ser jerġa jiċċekkja ta liema entita' dawn huma. Hu ssuġġerixxa li jiġu installati *hooks* fil-għoli sabiex jiddendlu l-boroż tal-iskart. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din mhux prattika għal-lokalita' tagħna. Dwar il-Kumpless Dun Anton Sciberras hu semma li taħt il-grawnd hemm xi spazju vojt li dan jista' jiġi utilizzat aħjar. Dwar it-tender taċ-ċint ta' Ta' Ġiorni, is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dwar dan it-tender.

**27.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

27.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 t'April 2026 fl-5.00p.m.

27.10.02 Il-laqgħa ntemmet 9.20p.m.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Cher Carmen Fenech**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 23 t'April 2026**